**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 357/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**Vs**

**Patrick Mangion**

**Illum 24 ta' Ġunju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Patrick Mangion ta' tmienja u erbgħin (48) sena, imwieled Qormi nhar it-30 ta' Jannar 1973, iben Anthony u Joan neè Camilleri u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 68773(M), talli nhar is-17 ta' Mejju 2021, għall-ħabta ta' l-10:30 ta' filgħodu minn ġewwa l-fond St. Paul's House, Triq Misraħ il-Barrieri, Msida:

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeċċedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda li ma jeċċedix l-eflejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċentemżu (€2,329.37), bil-lok u bil-persuna għad-detriment ta' Emanuel Barbara u/jew persuni oħra;

2. Naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti (Malta) u cioè l-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D. li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet u dan bi ksur ta' l-Artikou 579(1)(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti (Malta) u cioè mill-Maġistrat Dr. Donatella Farrugia Frendo LL.D. li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(1)(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti (Malta) u cioè l-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D. nhar l-14 ta' Marzu 2021 u li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(1)(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti (Malta) u cioè mill-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D. nhar it-30 ta' Marzu 2021 u li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(1)(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex: (i) f'każ ta' ħtija, l-ammont stabilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) tittratta ma' l-imputat bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 29 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, meta huwa kien misjub ħati u kkundannat għal reati b'sentenzi ta' Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi; (iii) f'każ ta' ħtija, ma kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni, fosthom il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali[2], markati Dok. "JR1" sa' Dok. "JR5" a fol. 7 sa' 35 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Jonathan Ransley mogħtija waqt is-seduti tas-17 ta' Ġunju 2021[3], ta' l-1 ta' Lulju 2021[4], tas-27 ta' Lulju 2021[5] u tal-15 ta' Novembru 2021[6] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "JR6" sa' Dok. "JR8" a fol. 52 u 54 tal-proċess, Dok. "JR9" u Dok. "JR10" a fol. 63 u 64 tal-proċess, Dok. "JR11" sa' Dok. "JR13" a fol. 96 sa' 115 tal-proċess u d-dokument, ossia Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest datat 17 ta' April 2019 a fol. 196 sa' 198 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Leli Barbara mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Ġunju 2021[7] u x-xhieda ta' PC2118 Clarissa Scerri[8] u PC1083 David Ellul[9] mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Lulju 2021 u rat id-dokument esebit minn PC2118 Clarissa Scerri markat Dok. "CS" a fol. 68 sa' 71 tal-proċess u d-dokument esebit minn PC1083 David Ellul markat Dok. "DE" a fol. 74 u 75 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Charmaine Zammit in rappreżentanza ta' Epic Communications Limited mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Lulju 2021[10] u rat id-dokument esebit minnha markat Dok. "CZ" a fol. 85 sa' 94 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Saviour Baldacchino[11] u ta' l-Ispettur Paul Camilleri[12] mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Lulju 2021 u x-xhieda ta' PS844 Carl Micallef mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Awwissu 2021[13] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "CM" a fol. 126 sa' 137 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Joe Mallia mogħtija waqt is-seduti tad-19 ta' Awwissu 2021[14] u tat-12 ta' Ottubru 2021[15] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "JM" a fol. 168 sa' 181 tal-proċess, semgħet ix-xhieda

[1] Fol. 36 tal-proċess.
[2] Dok. "JR5".
[3] Fol. 46 sa' 51 tal-proċess.
[4] Fol. 62 tal-proċess.
[5] Fol. 95 tal-proċess.
[6] Fol. 195 tal-proċess.
[7] Fol. 55 sa' 60 tal-proċess.
[8] Fol. 65 sa' 67 tal-proċess.
[9] Fol. 72 u 73 tal-proċess.
[10] Fol. 83 u 84 tal-proċess.
[11] Fol. 116 tal-proċess.
[12] Fol. 117 tal-proċess.
[13] Fol. 124 u 125 tal-proċess.
[14] Fol. 139 tal-proċess.
[15] Fol. 166 u 167 tal-proċess.

ta' Agnes Cutajar mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Ottubru 2021[16] u x-xhieda ta' l-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2021[17] u rat ir-Relazzjoni tagħha markata Dok. "MC" a fol. 188 sa' 195 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Lydon Zammit[18] u ta' l-Assistent Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali Franklin Calleja[19] mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Diċembru 2021 u rat id-dokument esebit minn Franklin Calleja markat Dok. "FC" a fol. 204 sa' 220 tal-proċess;

Rat illi l-imputat iddikjara li mhux se jixhed f'dawn il-proċeduri u li ma għandux provi x'jressaq[20];

Rat li b'Digriet datat 22 ta' Diċembru 2021 ġie ordnat li jitħejja Social Inquiry Report fil-konfront ta' l-imputat[21];

Semgħet ix-xhieda ta' l-Uffiċjal tal-Probation Anabel Bugeja mogħtija waqt is-seduti tat-28 ta' Frar 2022[22] u ta' l-24 ta' Mejju 2022[23] u rat is-Social Inquiry Report imħejji minnha fir-rigward ta' l-imputat markat Dok. "AB" a fol. 241 sa' 289 tal-proċess, semgħet ix-xhieda mogħtija mill-Ispettur Helenio Galea, in rappreżentanza tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, waqt is-seduta ta' l-24 ta' Mejju 2022[24] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "HG" a fol. 301 sa' 304 tal-proċess;

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli nhar is-17 ta' Mejju 2021, għall-ħabta ta' l-10:30 ta' filgħodu minn ġewwa l-fond St. Paul's House, Triq Misraħ il-Barrieri, Msida: (1) ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeċċedi €232.94 iżda li ma jeċċedix €2,329.37, bil-lok u bil-persuna għad-detriment ta' Emanuel Barbara u/jew persuni oħra; (2) naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti (Malta) u cioè l-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D. li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet u dan bi ksur ta' l-Artikou 579(1)(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti (Malta) u cioè mill-Maġistrat Dr. Donatella Farrugia Frendo LL.D. li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(1)(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (4) naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti (Malta) u cioè l-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D. nhar l-14 ta' Marzu 2021 u li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(1)(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (5) naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti (Malta) u cioè mill-Maġistrat Dr.

[16] Fol. 182 sa' 185 tal-proċess. Din ix-xhieda nstemgħet limitatament għal talba għal-ħelsien mill-arrest li kien għamel l-imputat.
[17] Fol. 187 tal-proċess.
[18] Fol. 200 u 201 tal-proċess.
[19] Fol. 202 u 203 tal-proċess.
[20] Fol. 221 tal-proċess.
[21] Fol. 221 tal-proċess.
[22] Fol. 238 sa' 240 tal-proċess.
[23] Fol. 295 sa' 298 tal-proċess.
[24] Fol. 299 u 300 tal-proċess.

Claire Stafrace Zammit LL.D. nhar it-30 ta' Marzu 2021 u li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(1)(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Prosekuzzjoni in oltre titlob li l-imputat jiġi trattata bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 29 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

**L-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

Kif appena osservat l-imputat qed jiġi akkużat talli nhar is-17 ta' Mejju 2021, għall-ħabta ta' l-10:30 ta' filgħodu minn ġewwa l-fond St. Paul's House, Triq Misraħ il-Barrieri, Msida, ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeċċedi €232.94 iżda li ma jeċċedix €2,329.37, bil-lok u bil-persuna għad-detriment ta' Emanuel Barbara u/jew persuni oħra.

**Leli Barbara**[25] xehed illi huwa għamel rapport mal-Pulizija għaliex fil-ġurnata li għamel tali rapport huwa kien qiegħed fil-garage sottopost għar-residenza tiegħu St. Paul's, Misraħ il-Barrieri, Msida, u f'ħin minnhom daħal raġel, li fil-kors tax-xhieda tiegħu ndikah bħala l-imputat, li beda jistaqsi fuq karozza li għandu ġo dan il-garage. Xehed illi *daħal dak u qalli "begħhieli l-karozza, begħhieli l-karozza" u jdur u jdur mal-karozza u jħares lejn il-karozza u sejjer hekk u jiena għidtlu li dik mhux għall-bejgħ. Qalli "u biegħhieli" u għidtlu "jiena m'għandix bżonn il-flus" għedtlu "jiena mara għandi bżonn" għax għandi l-mara mejta, u jdur magħha u jgħidli biex inbegħhielu. Jiena noqgħod fuq u kelli bżonn nitla' fuq u kif kont tiela' fuq, wara dan il-paroli u x'magna għandha u dawn l-affarijiet, għedtlu "tiela' fuq" u jiena għidtlu "trid flixkun birra?" u qalli "iva, iva, iva". Ftaħt il-bieb, tlajt fuq u għandi ħasira u malli nitla' xi 10 tarġiet kien għadu lanqas tela', sejjer hekk, jittawwal biex jara jekk hemmx xi ħadd. ... Imbagħad tela' fuq, tfajtu ħdejn il-mejda bis-siġġu, ftaħtlu flixkun birra, ftaħt ieħor għalija għax jiena għidtlu biex jiġi jieħu flixkun birra. Jiena ma nafu b'xejn lil dan qatt ma rajtu. Tajtulu, qagħad bilqiegħda u għandi l-bank u kelli l-kartiera u kont għadni nieħu €50 minnha għax mort nixtri mil-Lidl u jiena fejn kont naf li se jitlgħali dan. Qegħdin nitħaddtu u għandi terrazzin u għandi tieqa hekk u rali il-verdun. Qegħdin nitħaddtu fuqu u għidtlu "Ħa mmur inġibulek biex nuriehulek" u sakemm mort it-terrazzin biex inġiblu l-verdun, battalli l-kartiera.*

Barbara spjega li *ħarist lejn il-kartiera u għidt għadha hemm jien ma messhiex u insibu bilwieqfa hekk u jqum minn fuq il-mejda lanqas kompla jixrob u nsibu stand-by hekk bil-ponn hekk. Hekk insibu u jiena fejn kont naf. Imbagħad poġġejt bilqiegħda jiena u poġġa hu. Għidna żewġ kelmiet u qalli "jiena sejjer ta" u għidtlu "mur". Wassaltu sat-tarag biex narah u moħħi mbagħad mort nara l-kartiera u battalli l-kartiera.* Huwa stqarr li kellu madwar €1,000 fil-kartiera għaliex xi xahar jew xahar u nofs qabel kien għadu kemm ġibed €3,000 mill-Bank.

In kontro-eżami Barbara xehed illi l-kċina tiegħu fiha kejl ta' madwar mitt pied u għat-terrazzin għandu madwar seba' passi bogħod mill-mejda tal-kċina. Iddikjara li wkoll li kif qiegħed it-terrazzin minn ġewwa jidher kollox. Stqarr li hekk kif intebaħ li l-flus fil-kartiera kienu neqsin huwa niżel biex ifittex lil dak ir-raġel li kien id-dar tiegħu, niżel ifittxu sa' l-Imsida imma ma sabux. Hekk kif mar lura d-dar tiegħu nduna li dan ir-raġel kien ħalla warajh il-mobile u lighter, liema mobile u lighter hu għaddihom lill-Pulizija

[25] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Ġunju 2021, fol. 55 sa' 60 tal-proċess.

meta mar jagħmel ir-rapport tiegħu. Żied jgħid li huwa jgħix waħdu għad illi jmorru t-tfal jarawh, u għall-faċendi tad-dar ma għandu lil ħadd jgħinu. Fir-rigward tal-flus u għalfejn meta għamel ir-rapport għall-ewwel iddikjara li nsterqulu €500 mentri fix-xhieda tiegħu qal li nsterqulu €1,000, Emanuel Barbara wieġeb *għax kont imfixkel. … Qabel ma ġbidt dawn it-€3,000 kont ġbidt €1,000. … Kont qiegħed nieħu minnhom u meta wasluli qishom dawk il-€500 mort ġbidt €3,000 u xħitt qabda ta' €50. Il-kartiera lanqas tingħalaq ma kienet, il-kartiera lanqas setgħet tingħalaq u jiena inkwetat fuq li għamilli dak.* Iddikjara wkoll li ġieli kien iżomm rendikont ta' x'kien jonfoq u ġieli le.

**PC2118 Clarissa Scerri**[26], l-uffiċjal tal-Pulizija li ħadet ir-rapport ta' Emanuel Barbara, esebiet dan ir-rapport li sar fis-17 ta' Mejju 2021 għall-ħabta ta' 16:30hrs - Dok. "CS" a fol. 68 sa' 71 tal-proċess. Fl-imsemmi rapport hemm indikat li l-verżjoni tal-fatti mogħtija minn Emanuel Barbara dakinhar hi *llum 17/05/2021 għall-ħabta ta' 10:30hrs kont il-garaxx tiegħi nilgħab mal-karozza u fil-pront daħal raġel biex jara l-vettura ta' l-għamla Marina peress li kienet antika. Qbadna nitħaddtu u ħadt grazzja miegħu u peress li ħadni bil-ħlewwa jien stedintu biex jitla' d-dar peress li l-garaxx jinfed mad-dar għalhekk offrejtlu flixkun birra u sakemm konna qegħdin nixorbu beda josserva l-verdun li kelli fit-tieqa. Jien għedtlu ħa mmur nġiblek il-verdun biex tara l-gaġġa li xtrajtlu. Sakemm għamilt dan huwa qam bil-wieqfa u qalli ħa mmur. Wara li telaq mort niċċekkja l-kartiera li kienet qiegħda fuq il-bank tal-kċina fejn skoprejt li kien serqali 500 euros li dawn ġew aġġornati taħt fluq fil-menue proprju tagħha u appart minn hekk huwa kien nesa l-mobile tiegħu ta' kulur iswed tad-ditta Nokia u kif ukoll ic-cigarette lighter ta' kulur blue u għalhekk ġejt l-Għassa biex ninforma Pulizija rigward dan l-imsemmi inċident.*

Mir-rapport jirriżulta li minn investigazzjoni li saret mill-Pulizija, in-numru tal-mobile ippreżentat lilhom minn Emanuel Barbara huwa 99395559. PC1128 Clarissa Scerri iddikjarat li għaddiet il-mobile u l-lighter lis-Surġent PS1390 sabiex jinforma lill-Ispettur li kien ta' l-għassa dakinhar. Iddikjarat ukoll li madwar jumejn wara li Emanuel Barbara għamel ir-rapport, huwa reġa' rrapporta l-Għassa fejn infurmhom li kienu nsterqulu €1,000 u mhux €500 kif minnu oriġinarjament irrappurtat. L-imsemmija xhud iddikjarat ukoll li ħin minnhom il-mobile li kien ġab Emanuel Barbara daqq u meta rrispondiet kellimha raġel u meta staqsietu lil min irid dan wieġeb "għal ċertu Patrick Mangion" u kif qal hekk qata'. Hija għarrfet li l-mobile li għaddielha Emanuel Barbara u fuq liema daħlet din it-telefonata li semmiet huwa l-mobile esebit mill-Ispettur Jonathan Ransley waqt is-seduta tas-17 ta' Ġunju 2021 bħala Dok. "JR8" a fol. 54 tal-proċess.

**L-Ispettur Jonathan Ransley**[27] xehed illi *fis-17 ta' Mejju ta' din is-sena* (ossia 2021) *għall-ħabta tal-04:30p.m. ġie ċertu Emanuel Barbara, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 202239(M), jagħmel rapport l-Għassa ta' l-Imsida li xi ħadd mhux magħruf ħadlu €500 minn ġod-dar tiegħu. Huwa spjega illi kien qiegħed ġol-garaxx li huwa interconnected mad-dar tiegħu "St. Paul's House" Triq Misraħ il-Barrieri, l-Imsida, fejn avviċinah persuna maskili li kienet għaddejja mit-triq għax dan għadnu xi karozza u kien qed jilgħab magħha din il-karozza dan u l-bniedem illi għadda ħa interess f'din il-karozza u qabdu parlata fuqha nsomma, fuq il-karozzi. Wara ftit jitkellmu u jitħaddtu, is-Sur Barbara lil dan il-persuna offrielu illi jitla' d-dar tiegħu biex jieħu birra. Fil-fatt hekk ġara, aċċetta l-persuna li sa' dan il-ħin għadu unidentified. … u waqt li kienu hemmhekk, dan il-persuna injot … ra verdun u qagħad*

[26] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Lulju 2021, fol. 65 sa' 67 tal-proċess.
[27] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Ġunju 2021, fol. 46 sa' 51 tal-proċess.

*jieħu pjaċir għal dan il-verdun u skond is-Sur Barbara qallu "jogħġbok il-verdun?" U qallu "Iva". Ġab il-birra u qabad il-gaġġa biex jieħu l-verdun. Kif wasal bil-verdun ħdejh, dan ir-raġel qam u qallu "se nitlaq" u telaq. Ftit wara nduna li naqsulu qed jgħid €500 minn ġol-wallet u fil-kċina wkoll sab mobile phone ta' l-għamla Nokia. Mar l-għassa, dan kollu ġara f'xi l-10:00a.m. u mar l-għassa wara nofsinhar. Waqt li kien qiegħed l-Għassa, ċempel xi ħadd fuq dan il-mobile phone fil-presenza tal-Pulizija u staqsa u identifika ruħu bħala Patrick Mangion. Fil-fatt, is-Sur Barbara iddeskriva lill-malvivent ħalli nsejjaħħlu hekk issa, bħala wieħed twil bil-qargħa jiġifieri ma għandux xagħar. Jiena gejt infurmat b'dan il-każ u fid-29 ta' Mejju bgħatt għas-Sur Barbara l-ufficcju u għamilt photo lineup ta' disa' min-nies* - Dok. "JR6" a fol. 52 tal-proċess - *u mxejt ovvjament fuq dan Patrick Mangion li identifika ruħu fuq il-mobile phone. Patrick Mangion kien inkluż f'dan il-photo lineup fir-ritratt numru 5 u fil-fatt identifikah mija fil-mija lis-Sur Mangion u ffirma fuqu. Hu identifikah 100% kif għidt, 100% ktibtha jien fil-preżenza tiegħu għax ma jafx jikteb jiġifieri u jekk tara il-firma qisha mħanżra u d-dettalji mlejthom jien - Emanuel Barbara u l-ID Card Number tiegħu li huwa 202239(M).*

Dwar il-kwistjoni tal-flus l-Ispettur Jonathan Ransley iddikjara *x'ħin staqsejtu u għidtlu kemm ittieħdu flus qalli "Dakinhar ħadt żball għidt €500" qalli "Imma €1,000 ħadli". Ovvjament staqsejtu x'kien qed jagħmel b'€1,000 fil-kartiera jiena u qalli "Għax jiena mmur niġbed €3,000 f'daqqa ħalli mhux kull xahar noqgħod immur il-bank minħabba l-Covid" minħabba l-problema illi hawn u kien qalli li kien mar ġibidhom mill-HSBC ta' Birkirkara. Fil-fatt kont bgħatt request lill-HSBC fil-5 ta' Ġunju ta' din is-sena u bagħtuli risposta fl-14 ta' Ġunju fejn ikkonfermawli li vera kien ġibed €3,000 mill-HSBC ta' Birkirkara fid-29 ta' Marzu* - Dok. "JR7" a fol. 53 tal-proċess. Fir-rigward tal-mobile phone, l-Ispettur Ransley iddikjara li l-imputat Patrick Mangion kien għamel rapport dwar il-fatt li tilef mobile ta' l-għamla Nokia u minn verifiki li għamel irriżulta li dan ir-rapport sar għall-ħabta ta' Novembru jew Diċembru 2020 u ma kien hemm l-ebda IMEI number mogħti fiż-żmien tar-rapport.

In kontro-eżami l-Ispettur Ransley iddikjara li r-ritratti għall-photo lineup kien għażilhom hu u kien għażel persuni li huma rinomati miegħu u fosthom kien hemm ritratt ta' l-imputat. Huwa mexa fuq min hu rinomat miegħu u ma hemm l-ebda raġuni partikolari għalfejn fost il-lineup kien hemm biss żewġ ritratti ta' rġiel fratas, fosthom ir-ritratt ta' l-imputat.

Ir-rapport magħmul mill-imputat Patrick Mangion (il-konnotati tal-kwerelant fuq ir-rapport huma l-istess konnotati ta' l-imputat odjern) fir-rigward ta' mobile li huwa tilef ġie esebit minn PS1083 David Ellul - Dok. "DE" a fol. 74 tal-proċess. Dan ir-rapport huwa datat 17 ta' Novembru 2020 u fih hemm indikat li dakinhar tas-17 ta' Novembru 2020 għall-ħabta tas-12:30p.m. Patrick Mangion irrapporta li kien tilef il-mobile tiegħu, ta' l-għamla Nokia kulur iswed u ta' valur ta' madwar €30.00. Fir-rapport hemm li dan Patrick Mangion stqarr li l-aħħar li kien ra il-mobile kien fi Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, ħdejn l-entratura tal-Belt għal x'il-11:00a.m., il-11:10a.m. Mir-rapport jirriżulta li għalkemm il-Pulizija waqt ir-rondi tagħhom ippruvaw jaraw jekk jarawx tali mobile, dan irriżulta fin-negattiv.

**Charmaine Zammit** [28] , in rappreżentanza ta' Epic Communications Limited, ippreżentat il-call profile relattiva għan-numru 99395559 - Dok. "CZ" a fol. 85 sa' 93 tal-

[28] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Lulju 2021, fol. 83 u 84 tal-proċess.

proċess - iżda ddikjarat li peress illi n-numru ma huwiex reġistrat, ma setgħetx tgħid lil min jgħajjat dan in-numru partikolari.

**PS844 Carl Micallef**[29], li ġie nominat mill-Qorti bħala Espert tal-Fingerprints għall-fini li jeleva fingerprints minn fuq il-mobile mgħoddi lill-Pulizija minn Emanuel Barbara u minn ġewwa ta' dan l-istess mobile[30] - esebit fl-atti markat Dok. "JR8" fol. 54 tal-proċess - xehed illi mill-eżamijiet li għamel fuq barra u fuq ġewwa ta' l-imsemmi mobile ġew żviluppati żewġ impronti diġitali, improntq fuq in-naħa ta' barra u impronta fuq in-naħa ta' ġewwa tal-mobile. Huwa esebixxa r-rapport tiegħu markat bħala Dok. "CM" a fol. 126 sa' 137 tal-proċess.

In segwitu għar-rapport ta' PS844 Carl Micallef il-Qorti, fuq talba tal-Prosekuzzjoni, innominat lil Joe Mallia bħala Espert tal-Fingerprints għall-fini li jagħmel komparazzjoni bejn l-impronti diġitali elevati minn PS844 Carl Mallia u l-impronti diġitali ta' l-imputat [31] . Fir-Relazzjoni tiegħu l-**Espert Joe Mallia** kkonstata u ikkonkluda li *wara li ġew eżaminati, studjati u kkomparati d-dokumenti 21 BGP-C-BY 1 u 21 BGP-C-VL1, ritratti skalati li juru impronti diġitali żviluppati permezz tal-kimika, mad-dokumenti PM1 formola ta' l-impronti diġitali u PM2 formola tal-marki tal-pali ta' l-idejn ta' Patrick Mangion, li joqgħod fil-fond Blokk C, Appartament numru 7 sitwat fi Triq il-Għajn, il-Belt, Valletta, detentur tal-Karta ta' l-Identità numru 638774(M), l-esponent jikkonkludi dan li ġej: 1. Illi l-impronti dokumenti 21 BGP-C-BY 1 u 21 BGP-C-VL1 huma neqsin mill-punti karatteristiċi li jwasslu għall-komparazzjoni u identifikazzjoni għalhekk ma setgħux jsiru l-eżamijiet komparattivi rikjesti bejn dawn l-impronti, u d-dokumenti PM1 formola ta' l-impronti diġitali u PM2 formola tal-marki tal-pali ta' l-idejn ta' Patrick Mangion, detentur tal-Karta ta' l-Identità Numru 638774(M)*[32].

**L-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar**[33] nominata għall-fini li televa DNA minn fuq il-mobile Dok. "JR8" a fol. 54 tal-proċess sabiex issir komparazzjoni mad-DNA elevat mill-imputat, esebit ir-Relazzjoni tagħha fit-28 ta' Ottubru 2021[34] u fir-rigward tal-konklużżjoni raġġunta minnha xehdet illi *kont ġbart mobile phone u kont ġbart ukoll il-kampjun orali ta' Patrick Mangion biex issir analiżi mal-profil ġenetiku ta' Patrick Mangion jekk mill-mobile joħroġx profil ġenetiku. Mill-mobile ħareġ profil ġenetiku, ġie mqabbel ma' dak ta' Patrick Mangion u qabel*[35].

Wara li kkunsidrat il-provi kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni relattivament għall-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, il-Qorti tqis li l-istess Prosekuzzjoni laħqet l-oneru tal-prova minnha rikjest mill-Liġi fir-rigward tal-ħtija ta' l-imputat għar-reat lilu addebitat a detriment ta' Emanuel Barbara.

Fil-fehma tal-Qorti Emanuel Barbara rriżulta li huwa xhud attendibbli u ferm kredibbli u dana billi l-verżjoni tal-fatti kif mogħtija minnu baqgħet konsistenti bejn li għamel ir-rapport ma' l-Għassa ta' l-Imsida fis-17 ta' Mejju 2021 u li xehed quddiem din il-Qorti ben xahar wara fis-17 ta' Ġunju 2021. Huwa ta l-istess verżjoni tal-fatti lill-Uffiċjal tal-Probation Anabel Bugeja meta għamlet intervista miegħu u dana kif jirriżulta mis-Social

[29] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Awwissu 2021, fol. 124 u 125 tal-proċess.
[30] Vide Digriet datat l-1 ta' Lulju 2021, fol. 61 tal-proċess.
[31] Vide Digriet datat 9 ta' Awwissu 2021, fol. 121 tal-proċess.
[32] Dok. "JM" a fol. 168 sa' 181 tal-proċess.
[33] Digriet tan-nomina datat 23 ta' Settembru 2021, fol. 151 tal-proċess.
[34] Dok. "MC" fol. 188 sa' 193 tal-proċess.
[35] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2021, fol. 187 tal-proċess.

Inquiry Report imħejji minnha fejn appuntu osservat illi *saret intervista fi ħdan id-Dipartiment tal-Probation u l-Parole ma' Emanuel Barbara li huwa l-vittma tal-każ odjern. Matul din l-intervista s-Sur Barbara spjega li dakinhar li allegatament seħħ il-każ odjern hu kien jinsab fil-garaxx tiegħu, li huwa parti mid-dar fejn joqgħod, jaħsel il-karozza li hija waħda antika. Spjega li waqt li Kien mehdi jaħsel din il-karozza, l-imputat daħal fil-garaxx u qabad karozza rigward il-karozza u li xtaq jixtriha. Eventwalment jidher li l-vittma kompla jitkellem ma' l-imputat u li għaldaqstant stiednu fid-dar li tinsab fuq l-istess garaxx sabiex jieħdu birra flimkien. Il-vittma kompla jispjega li hekk kif telgħu fis-sular ta' fuq ħareġ għall-ftit mumenti fil-bitħa u hekk kif daħal innota li kellu l-flus nieqsa mill-kartiera. Irid jiġi spjegat li l-vittma kellu ammont sostanzjali ta' karti tal-flus fil-kartiera u għaldaqstant dawn kienu jidhru fil-kartiera minkejja li din kienet magħluqa. Kien għalhekk li s-Sur Barbara induna immedjatament li dawn kienu nieqsa. Meta mistoqsi, is-Sur Barbara saħaq li naqsu madwar elf ewro mill-kartiera. Is-Sur Barbara spjega wkoll li meta ġie mistoqsi mill-Pulizija, hu sostna li kienu nsterqu ħames mitt ewro u għaml dan minħabba li kien għadu ma vverifikax l-ammont eżatt. Jidher li l-imputat telaq minn fuq il-post filwaqt li s-Sur Barbara kienu għadu fil-bitħa. Madanakollu l-imsemmi ħalla l-mobile tiegħu fuq il-bank tal-kċina u dan instab mill-istess vittma li eventwalment tah lill-Pulizija hekk kif għamel ir-rapport. Fl-aħħar nett meta mistoqsi rigward sentenza, is-Sur Barbara spjega li hu mhux interessat li l-imputat jingħata piena ta' ħabs. Madanakollu saħaq li hu jridu flusu lura.*

Apparte l-fatt li l-verżjoni tal-fatti kif mogħtija minn Emanuel Barbara hija ferm kredibbli u attendibbli, l-istess Barbara, dakinhar li deher il-Qorti biex jagħti x-xhieda tiegħu fis-17 ta' Ġunju 2021, bla eżitazzjoni ta' xejn għaraf lill-imputat bħala dak ir-raġel li xahar qabel hu kien stiednu ġod-dar tiegħu għal flixkun birra u waqt li kien hemm, f'ħin meta Barbara allontana ftit ruħu minn mal-mejda ta' l-ikel, ħadlu xi flus li kellu fil-kartiera. In effetti hekk kif beda jixhed dwar x'ġara dakinhar tas-17 ta' Mejju 2021, Emanuel Barbara ddikjara *kont il-garaxx jiena, għandna garaxx kbir fih 800 pied u għandi l-karozza fin-nofs tal-garaxx u daħal dak t'hemmhekk ara* - u l-Qorti fil-fatt irrimarkat li huwa kien qed jindika lill-imputat.

Ix-xhieda ta' Emanuel Barbara tirriżulta kkoroborata minn provi oħra prodotti mill-Prosekuzzjoni u senjatament mill-mobile esebit bħala Dok. "JR8" a fol. 54 tal-proċess, liema mobile skond Emanuel Barbara tħalla fuq il-mejda tiegħu mill-imputat meta dan f'daqqa qabad u qallu li se jitlaq, u mid-dokument maħruġ mill-HSBC Bank Malta p.l.c. u esebit mill-Ispettur Jonathan Ransley bħala Dok. "JR7" a fol. 53 tal-proċess.

Għalkemm Charmaine Zammit għal Epic Communications Limited ma setgħetx tgħid fuq min hu reġistrat in-numru 99395559, ossia n-numru tal-mobile Dok. "JR8" a fol. 54 tal-proċess, in kwantu mhux reġistrat magħhom u għalkemm l-Espert tal-Fingerprints Joe Mallia ma setgħax jagħmel komparazzjoni bejn l-impronti elevati minn PS844 Carl Mallia minn fuq u minn ġewwa l-mobile in kwistjoni, l-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar ikkonkludiet li fuq il-mobile in kwistjoni, jew aħjar mad-dawra tal-ġenb tal-mobile u mill-battery - li l-Qorti tosserva tinsab **ġewwa** l-mobile - hemm id-DNA ta' l-imputat. Din il-konklużjoni ta' l-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar kjarament tpoġġi lill-imputat ġewwa d-dar ta' Emanuel Barbara u b'hekk jinsab korroborat dak li qal Emanuel Barbara kemm fir-rapport tiegħu lill-Pulizija kif ukoll fix-xhieda li ta quddiem din il-Qorti u fl-intervista ma' l-Uffiċjal tal-Probation Anabel Bugeja.

Għal kull buon fini jiġi osservat li għalkemm jidher li l-imputat kien irrapporta li tilef mobile ta' l-għamla Nokia ta' kulur iswed, dan ir-rapport sar fil-11 ta' Novembru 2020, ossia ben sitt xhur qabel il-każ mertu ta' dawn il-proċeduri, u meta għamel ir-rapport ma kienx ipprovda IMEI number. Apparte minnhekk, l-imputat ma għamel ebda rimarka fir-rigward ta' tali mobile, la meta kien għand Emanuel Barbara u lanqas fil-kors ta' dawn il-proċeduri.

In kwantu rigwarda l-flus, hemm konferma mill-HSBC Bank Malta p.l.c., li ma ġiet bl-ebda mod kontestata mill-imputat, li fis-29 ta' Marzu 2021, Emanuel Barbara kien ġibed is-somma ta' €3,000 mill-HSBC Bank Malta p.l.c. branch - Dok. "JR7" a fol. 53 tal-proċess. Din il-konferma tal-Bank tikkorobora dak li qal Emanuel Barbara biex jispjega kif kellu ammont ta' flus konsiderevoli għandu d-dar, parti minn liema flus xehed illi nsterqulu mill-imputat. In kwantu rigwarda l-quantum tal-flus li nsterqu, Emanuel Barbara għall-ewwel iddikjara li nsterqulu €500 u wara jumejn irrapporta lill-Pulizija li effettivament insterqulu €1,000. Fil-fehma tal-Qorti dan il-fatt ma jnaqqasx mill-kredibilità ta' Emanuel Barbara u tax-xhieda mogħtija minnu għar-raġuni li huwa spjega għalfejn tgerfex fl-ammont li nsteraqlu stante li dakinhar tas-17 ta' Mejju 2021 huwa kien, bir-raġun fil-fehma tal-Qorti, imgerfex u kkalukla ħażin kemm fil-fatt kien hemm flus neqsin. Fiċ-ċirkostanzi fil-fatt il-Qorti ma ssib ebda raġuni, anke fid-dawl ta' l-ispjega li ta Emanuel Barbara dwar l-ammont ta' flus li kellu u għalfejn kellu tali ammont id-dar, u cioè li jiġbed ammont sostanzjali darba kull tant xhur biex ma joqghodx imur il-bank kull xahar, partikolarment fid-dawl ta' imxija tal-Covid 19, ma għandhiex temmen li bħala fatt l-ammont li nsteraq mill-imputat kien ta' €1,000 u mhux inqas.

Huwa minnu li l-konklużjoni ta' l-Espert tad-DNA u l-ittra ta' l-HSBC Bank Malta p.l.c. huma fihom infushom provi indizzjarji iżda fil-fehma tal-Qorti dawn fortament jikkoroboraw dak affermat u dikjarat minn Emanuel Barbara li kif già ingħad, il-Qorti tqisu bħala xhud ferm attendibbli u kredibbli.

Fir-rigward l-provi indizzjarji, il-prinċipji fis-sistema ġuridika tagħna konsistentement huma li *l-prova indizzjarja trid tkun waħda assolutament univoka, li tipponta biss mingħajr dubju dettat mir-raġuni lejn fatt jew konklużjoni waħda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistgħu raġjonevolment jingħataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni waħda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-Liġi, sabiex in bażi tagħha tista' tinstab ħtija. Kif tgħid u titlob il-liġi, biex prova ndizzjarja tiġi ammessa bħala prova valida fis-sens li wieħed jista' raġonevolment jasal għall-konklużżjoni tiegħu ta' ħtija in bażi tagħha bla dubju dettat mir-raġuni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwiżit ta' univoċità tagħha, cioè li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkużat huwa ħati ta' dak addebitat lilu u, allura, kull dubju raġonevoli fir-rigward għandu jmur favur l-akkużat skond il-Liġi. .... Kif ingħad fil-każ Ingilterra DPP v. Kilbourne, meta l-provi indizzjarji ġew imqabbla mal-kordi tal-ħabel: "One strand of the cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus is may be in circumstantial evidence - there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction, or more than a mere suspicion; but the whole, taken together, may create a strong conclusion of guilt, that iss, with as much certainty as human affairs can require or admit of"*[36].

[36] Il-Pulizija v. Joseph Grech, Appell Nru. 615/2016, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-18 ta' Ġunju 2017.

Fir-rigward tal-valur probatorju tax-xhieda ta' Emanuel Barbara, issir referenza għall-Artikolu 638 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta illi jipprovdi li: *(1) Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xhieda tiegħu tkun importanti. (2) B'dan kollu, f'kull każ, ix-xhieda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.*

Applikat il-provvediment ta' l-Artikolu 638(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward tax-xhieda ta' Emanuel Barbara u abbinata din ma' dak li rriżulta mir-Relazzjoni ta' l-Espert tad-DNA u mill-ittra ta' l-HSBC Bank Malta p.l.c., liema riżultanzi ta' l-Espert tad-DNA u l-kontenut ta' l-ittra ta' l-HSBC Bank ma ġew bl-ebda mod kontestati u/jew kontradetti mill-imputat u lanqas l-istess imputat ma forna xi forma ta' spjega x'kien qed jagħmel mobile bid-DNA tiegħu fuqu u ġo fih fir-residenza ta' Emanuel Barbara, il-Qorti tqis li jirriżulta pruvat 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li fil-fatt fis-17 ta' Mejju 2021 l-imputat Patrick Mangion kien fir-residenza ta' Emanuel Barbara u meta kien hekk mistieden fl-imsemmija dar huwa seraq ammont ta' flus minn ġol-kartiera ta' l-imsemmi Emanuel Barbara. In kwantu rriżulta li Emanuel Barbara jgħix waħdu, għad li kultant imorru jaraw it-tfal, u lanqas għandu min jgħinu għall-faċendi u nduna bil-flus nieqsa hekk kif telaq l-imputat mingħadu, il-Qorti diffiċilment tista' tasal għal konklużjoni loġika oħra.

Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk jirriżulta li l-imputat huwa fil-fatt ħati tar-reat ta' serq kwalifikat bil-valur - stante li Barbara minn dejjem stqarr li l-ammont li nsteraqlu kien ferm iktar minn €232.94 - bil-lok - stante li r-reat seħħ fid-dar residenzjali ta' Barbara - u bil-persuna - stante li l-imputat wettaq dan ir-reat waqt li kien mistieden fid-dar ta' Barbara u dan kollu ai temrini ta' l-Artikoli 267, 268(b) u 269(g) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**It-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti (Malta) u cioè l-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D. li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet u dan bi ksur ta' l-Artikou 579(1)(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti (Malta) u cioè mill-Maġistrat Dr. Donatella Farrugia Frendo LL.D. li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(1)(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti (Malta) u cioè l-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D. nhar l-14 ta' Marzu 2021 u li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(1)(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti (Malta) u cioè mill-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D. nhar it-30 ta' Marzu 2021 u li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(1)(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti bla eżitazzjoni ta' xejn tgħid illi l-Prosekuzzjoni assolutament ma rnexxilhiex tipprova l-ħtija ta' l-imputat fir-rigward ta' dawn l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha.

In sostenn ta' dawn l-imputazzjonijiet il-Prosekuzzjoni esebiet is-segwenti Digrieti għall-Ħelsien mill-Arrest:

- Digriet maħruġ mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo datat 14 ta' Diċembru 2017[37];
- Digriet maħruġ mill-Maġistrat Dr. Gabriella Vella datat 16 ta' Diċembru 2020[38]; u
- Digriet maħruġ mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech datat 17 ta' April 2019[39].

Għalkemm it-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat tagħmel referenza għal Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo, fl-imsemmija imputazzjoni ma hemmx data indikata u għaldaqstant il-Qorti ma tistax tkun ċerta 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li d-Digriet esebit mill-Prosekuzzjoni huwa fil-fatt id-Digriet li għalih tirreferi l-imputazzjoni.

Bl-istess mod għalkemm it-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat tagħmel referenza għal Digriet għall-Ħeslien mill-Arrest mogħti mill-Maġistrat Dr. Donatella Farrugia Frendo, fl-imsemmija imputazzjoni mill-ġdid ma hemmx data indikata u l-Qorti għall-darb' oħra ma tistax tkun ċerta 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li d-Digriet Esebit mill-Prosekuzzjoni huwa fil-fatt id-Digriet li għalih issir referenza fl-imputazzjoni. Għal kull buon fini jiġi osservat ukoll illi d-Digriet esebit fi kwalunkwe każ inħareġ mill-Maġistrat Donatella Frendo Dimech u mhux minn xi Maġistrat Dr. Donatella Farrugia Frendo.

Dato ma non concesso li d-Digriet maħruġ mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech datat 17 ta' April 2019 u esebit a fol. 196 tal-proċess, huwa d-Digriet li għalih tirreferi t-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, mis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Patrick Mangion" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-12 ta' Diċembru 2019 esebita mill-Ispettur Jonathan Ransley bħala Dok. "JR13" a fol. 98 sa' 115 tal-proċess, liema sentenza ngħatat fil-konfront ta' Patrick Mangion, Karta ta' l-Identità bin-Numru 68773(M), li huwa l-istess Patrick Mangion fil-proċeduri odjerni, jirriżulta li bis-saħħa ta' dik is-sentenza d-Digriet għall-ħelsien mill-arrest maħruġ mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech fis-17 ta' April 2019 ġie revokat. B'hekk fiż-żmien tat-twettiq tar-reat li tiegħu l-imputat qed jinstab ħati taħt l-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih f'dawn il-proċeduri, ma kienx għadu in vigore u kien revokat.

In kwantu rigwarda r-raba' u l-ħames imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat, il-Prosekuzzjoni la esebiet id-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest maħruġ mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D. fl-14 ta' Marzu 2021 u lanqas esebit id-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest maħruġ mill-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D. fit-30 ta' Marzu 2021, minflok ġie esebit Digriet maħruġ mill-Maġistrat Dr. Gabriella Vella datat 16 ta' Diċembru 2020, li ma għandu assolutament xejn x'jaqsam ma' dawn il-proċeduri.

---

[37] Dok. "JR11" a fol. 96 tal-proċess.
[38] Dok. "JR12" a fol. 97 tal-proċess.
[39] Fol. 196 tal-proċess.

Għaldaqstant, il-Qorti ttenni li l-imputat ma jistax u ma għandux jinstab ħati tat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu. Konsegwentement għalhekk il-Qorti jkollha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-konfiska tal-garanzija ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Reċidiva:**

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-Qorti tittratta ma' l-imputat bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 29 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, meta huwa kien misjub ħati u kkundannat għal reati b'sentenzi ta' Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

In sostenn ta' din it-talba l-Prosekuzzjoni esebiet is-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Patrick Mangion" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-12 ta' Diċembru 2019 - Dok. "JR13" a fol. 98 sa' 115 tal-proċess - liema sentenza kif già osservat ingħatat fil-konfront ta' l-imputat f'dawn il-proċeduri. B'din is-sentenza l-imputat kien ġie ikkundannat għal tnax-il xahar priġunerija. Peress li s-sentenza ġiet pronunċjata fit-12 ta' Diċembru 2019 u r-reat li tiegħu l-imputat qed jinstab ħati f'dawn il-proċeduri seħħ fis-17 ta' Mejju 2021, jirriżulta li l-imputat huwa reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni talbet ukoll li l-imputat jiġi trattat bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikolu 29 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu però ma jittrattax dwar reċidività izda dwar il-proċedura fil-każ li ammenda jew multa ma titħallasx, kwistjoni din li ma tinkwadrax fil-każ odjern. Konsegwentement għalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tikkonsidra t-talba tal-Prosekuzzjoni in kwantu impostata ai termini ta' l-Artikolu 29 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Madanakollu però mill-fedina penali jirriżulta li l-imputat li huwa già diversi drabi instab ħati ta' reati ta' serq u għaldaqstant huwa wkoll reċidiv ai termini ta' l-Artikolu 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tiegħu l-imputat qed jinstab ħati f'dawn il-proċeduri u ħadet in konsiderazzjoni wkoll dak li jirriżulta mill-fedina penali ta' l-imputat, u cioè li huwa għandu karattru refrattarju u għandu sensiela twila ta' kundanni. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll is-Social Inquiry Report imħejji mill-Probation Officer Anabel Bugeja[40] fejn l-imsemmija Probation Officer ikkonkludiet illi: *minkejja li Patrick Mangion m'ammettiex għall-proċeduri odjerni, ġie nnutat li hu jonqos milli jerfa' responsabbiltà għall-istil ta' ħajja kriminoġeniku li hu jadotta. Diffikultà oħra prinċipali hija n-nuqqas ta' għarfien lejn il-ħajja meqjusa bħala normali u dan minħabba l-perijodu twil li hu qatta' fi ħdan l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi. Irid jingħad li matul is-snin, Patrick Mangion naqas milli jaħdem fuqu nnfisu bħala persuna sabiex ikun jista' jadotta ħajja aktar ekwa barra fis-soċjetà. Dan jirriżulta hekk kif l-imsemmi jqatta' perjodu qasir barra mill-ħabs qabel eventwalment jerġa' jiftaħ każ kriminali u jidħol il-ħabs. Għaldaqstant hija ċara li fil-preżent m'għandux ħiliet neċessarji sabiex jgħix ħajja stabbli barra mill-ħabs. Patrick Mangion għandu jagħmel użu minn servizzi mogħtija fi ħdan l-Aġenzija*

[40] Dok. "AB" a fol. 241 sa' 289 tal-proċess.

*għas-Servizzi Korrettivi sabiex jindirizza nuqqasijiet li għandu u jkun jista' jgħix ħajja barra l-ħabs mingħajr l-element kriminoġeniku.*

**DECIDE:**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, filwaqt li tiddikjara li ma hijiex qed issib lill-imputat ħati tat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u b'hekk tillbierah minnhom u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 20, 31, 49, 50, 261(ċ)(d)(e), 267, 268(b), 269(g), 279(a), 280(1) u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tqis li huwa reċidiv ai termini tal-Liġi u konsegwentement tikkundannah għall-perijodu ta' sentejn (2) priġunerija effettiva.

Minn dan il-perijodu ta' sentejn (2) priġunerija effettiva, għandu jitnaqqas dak iż-żmien li l-imputat għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.

Ai termini ta' l-Artikolu 532A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u ta' l-Artikolu 24 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-imputat iħallas lil Emanuel Barbara is-somma ta' elf Euro (€1,000) rappreżentanti l-valur ta' flus minnu misruqa lill-imsemmi Barbara.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputat iħallas is-somma komplessiva ta' €1,170.93 rappreżentanti spejjeż in konnessjoni mal-ħatra ta' Esperti f'dawn il-proċeduri, liema somma tikkonsisti fis-somma ta' €116.84 spejjeż konnessi mal-ħatra ta' PS844 Carl Micallef[41], fis-somma ta' €487.69 spejjeż konnessi mal-ħatra ta' l-Espert Joe Mallia[42] u fis-somma ta' €566.40 spejjeż konnessi mal-ħatra ta' l-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

[41] Fol. 135 tal-proċess.
[42] Fol. 179 tal-proċess.